

Brussell, 10 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

7149/26

CLIMA 118  
ENV 206  
TRANS 134  
MI 221

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 108 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tad-durabbiltà tal-vetturi tqal fir-rigward tal-emissjonijiet

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 108 final.

---

Mehmuż: COM(2026) 108 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 9.3.2026  
COM(2026) 108 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U  
LILL-KUNSILL**

**dwar il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tad-durabbiltà tal-vetturi tqal fir-rigward tal-  
emissjonijiet**

# KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tad-durabbiltà tal-vetturi tqal fir-rigward tal-emissjonijiet

### 1. Introduzzjoni

Ir-Regolament (UE) 2024/1257 (ir-Regolament Euro 7)<sup>1</sup> dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-emissjonijiet ta' vetturi bil-mutur ġie adottat fl-2024 biex tittejjeb il-kwalità tal-arja, f'konformità mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dan ir-Regolament jibni fuq ir-Regolament Euro 6 dwar l-emissjonijiet għall-vetturi ħfief (LDVs, Light-Duty Vehicles)<sup>2</sup> u r-Regolament Euro VI dwar l-emissjonijiet għall-vetturi tqal (HDVs, Heavy-Duty Vehicles) u jintroduċi dispożizzjonijiet ġodda biex jiġu rregolati l-emissjonijiet tal-brejkijiet, il-brix tat-tajers u d-durabbiltà tal-batteriji fil-vetturi kemm għall-vetturi ħfief kif ukoll għal dawk tqal. Bħall-Euro 6 u l-Euro VI, il-Euro 7 ukoll jirrikjedi li l-vetturi jirrispettaw il-limiti tal-emissjonijiet għal perjodu ta' żmien speċifikat, imsejjaħ it-“tul tal-ħajja prinċipali”. Dan huwa neċessarju biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti tal-emissjonijiet ma jiġux issodisfati biss matul l-approvazzjoni tat-tip, iżda wkoll fil-prattika meta l-vetturi jkunu qegħdin jintużaw. It-tul tal-ħajja prinċipali huwa deskritt fit-Tabella 1 tal-Anness IV tar-Regolament Euro 7. Peress li t-“tul tal-ħajja prinċipali” ma jirriflettix it-tul tal-ħajja medju tal-vetturi fl-Unjoni, l-Artikolu 6(5) tal-Euro 7 jintroduċi perjodu ta' “tul tal-ħajja addizzjonali”, li fih il-kamp ta' applikazzjoni tal-Euro 6 u tal-Euro VI ġie estiż b'25 fil-mija lil hinn mit-“tul tal-ħajja prinċipali” tal-vettura. Il-kunċett tal-multiplikaturi tad-durabbiltà huwa introdott biex iqis id-deterjorament tas-sistemi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet lil hinn mit-tul tal-ħajja prinċipali.

Il-multiplikaturi tad-durabbiltà għal-LDVs u għax-xarabanks tal-kategorija M<sub>2</sub> ġew stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Anness IV tar-Regolament Euro 7. Il-multiplikaturi tad-deterjorament għall-HDVs – u b'mod partikolari l-vetturi tal-kategoriji M<sub>3</sub>, N<sub>2</sub> u N<sub>3</sub> – għadhom ma ġewx stabbiliti fir-Regolament Euro 7. Għalhekk, dak ir-Regolament fl-Artikolu 18(3) jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta l-prestazzjoni tad-durabbiltà tal-HDVs fir-rigward tal-emissjonijiet sal-31 ta' Diċembru 2025 qabel ma tistabbilixxi dawn il-multiplikaturi tad-durabbiltà. Il-Konsorzju għall-emissjonijiet baxxi ħafna tal-vetturi (CLOVE, Consortium for ultra-LOW Vehicle Emissions), li jinkludi grupp ta' organizzazzjonijiet speċjalizzati tar-riċerka, tal-ittejtjar u taċ-ċertifikazzjoni, wettaq valutazzjoni teknika f'isem il-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7), li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362 (ĠU L, 2024/1257, 8.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1257/oj>)

<sup>2</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief tal-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2007/715/oj>)

F'din il-Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, il-Kummissjoni tikkondividi s-sejbiet tal-valutazzjoni teknika<sup>3</sup> u tikkonkludi liema multiplikaturi tad-durabbiltà għandhom jiġu stabbiliti għall-kategoriji tal-HDVs fit-Tabella 2 tal-Anness IV tal-Euro 7<sup>1</sup>.

---

<sup>3</sup> Il-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs, Plakolmer, B., Hausberger, S. u Weller, K., *Durability of Euro 7 heavy-duty vehicle emissions – Technical report – LOT2*, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025, <https://data.europa.eu/doi/10.2873/7305552>

## 2. Sfond regolatorju

### 2.1. Sfond storiku

Ir-regolamenti dwar l-emissjonijiet tal-vetturi fl-Ewropa progressivament inkorporaw ir-rekwiżiti tat-tul tal-ħajja u l-“fatturi ta’ deterjorament”. Tali rekwiżiti tat-tul tal-ħajja jiżguraw li l-prestazzjoni tal-emissjonijiet tinżamm mhux biss fiż-żmien tal-approvazzjoni tat-tip, iżda matul il-ħajja utli tal-vettura. Il-fatturi ta’ deterjorament huma multiplikaturi jew valuri fissi miżjuda, imfassla biex ikopru ż-żieda mistennija fl-emissjonijiet minħabba t-tkagħbir u d-degradazzjoni tal-teknoloġija ta’ kontroll tal-emissjonijiet<sup>4</sup>. Għall-istabbiliment ta’ dawn il-fatturi, għandu jitqies li l-varjetà ta’ sitwazzjonijiet għall-vetturi tqal hija usa’ b’mod sinifikanti minn dik għall-vetturi ħfief, peress li għandha tkopri x-xejriet kollha tas-sewqan u każijiet oħra tal-użu tal-magni. Għalhekk, dan kien jirrikjedi investigazzjoni ħafna aktar kumplessa u rigoruża, anke minħabba l-ħajja itwal tas-servizz tagħhom u l-kundizzjonijiet ta’ operar aktar diversi.

Fil-bidu tas-snin 90 ġew introdotti fatturi ta’ deterjorament għal-LDVs<sup>5</sup>. F’dak iż-żmien, il-manifatturi kellhom juru, permezz ta’ testijiet tat-tiqdim aċċellerat, li s-sistemi ta’ kontroll tal-emissjonijiet baqgħu effettivi matul il-ħajja utli speċifikata – tipikament 80 000 kilometru. Aktar tard, l-introduzzjoni tad-dijanostika abbord u tal-ittestjar tal-emissjonijiet f’sewqan reali tejbju l-akkuratezza u l-infurzar tar-rekwiżiti tad-durabbiltà.

B’kuntrast ma’ dan, l-HDVs jiffaċċjaw sfidi akbar minħabba li tipikament joperaw għal perjodi itwal, u spiss jaqbz u s-700 000 kilometru jew is-7 snin, f’kundizzjonijiet aktar varjabbli u ħorox. Fl-2005, il-leġiżlazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-Euro IV<sup>6</sup> introduċiet il-fatturi ta’ deterjorament għall-HDVs. Il-manifatturi setgħu jew japplikaw fattur ta’ deterjorament fiss kif stabbilit mil-leġiżlazzjoni jew iwettqu testijiet tat-tiqdim biex juru d-deterjorament reali. Fil-każ tal-aħħar, huma kellhom bżonn juru li skont il-fatturi ta’ deterjorament speċifikati, l-emissjonijiet gassużi u ta’ partikolati ta’ familja ta’ magni jew ta’ familja ta’ sistemi ta’ posttrattament tal-magni kienu jikkonformaw mal-limiti xierqa tal-emissjonijiet matul il-perjodu ta’ durabbiltà xieraq.

---

<sup>4</sup> Eż. konvertituri katalitiċi, sensuri u sistemi ta’ riċirkolazzjoni tal-gass tal-egżost.

<sup>5</sup> L-ewwel fid-Direttiva tal-Kunsill 91/441/KEE. Id-Direttiva tal-Kunsill 91/441/KEE tas-26 ta’ Ġunju 1991 li temenda d-Direttiva 70/220/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x’jaqsmu ma’ miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis tal-arja b’emissjonijiet minn vetturi bil-mutur (ĠU L 242, 30.8.1991, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1991/441/oj>)

<sup>6</sup> Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/78/KE tal-14 ta’ Novembru 2005 li timplimenta d-Direttiva 2005/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x’jaqsmu mal-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni ta’ gassijiet u partikuli li jniġġsu minn magni li jaqbd u bil-kompressjoni li jintużaw fil-vetturi, u l-emissjoni ta’ gassijiet li jniġġsu minn magni positive combustion li jaħdmu b’gass naturali jew b’gass tal-petroljum mibdul f’likwidu għall-użu fil-vetturi u li jemenda Annessi I, II, III, IV u VI tiegħu (ĠU L 313, 29.11.2005, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2005/78/oj>)

## 2.2. Euro 7

Ir-Regolament Euro 7 jintroduċi rekwiżiti dwar it-tul tal-ħajja kemm għall-vetturi ħfief kif ukoll għal dawk tqal. Dawn ir-rekwiżiti tat-tul tal-ħajja jikkonsistu f'“tul tal-ħajja prinċipali” u “tul tal-ħajja addizzjonali”. It-Tabella 2 tal-Anness IV tar-Regolament Euro 7 tipprevedi l-multiplikaturi tad-durabbiltà biex jitqies id-deterjorament fit-tul tal-ħajja addizzjonali (ara t-Tabella 1).

Fit-tul tal-ħajja prinċipali, il-limiti tal-emissjonijiet kif iddikjarati fit-Tabella 2 tal-Anness I tal-Euro 7 huma validi. Għat-tul tal-ħajja addizzjonali, il-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet iridu jiġu mmultiplikati bil-multiplikatur rilevanti tad-durabbiltà, indikat fit-Tabella 1<sup>7</sup>.

<b>Multiplikaturi tad-durabbiltà</b>	<b>M<sub>1</sub>, N<sub>1</sub> u M<sub>2</sub></b>	<b>N<sub>2</sub>, N<sub>3</sub> ≤ 16 t, M<sub>3</sub> ≤ 7,5 t</b>	<b>N<sub>3</sub> &gt; 16 t, M<sub>3</sub> &gt; 7,5 t</b>
Multiplikatur tad-durabbiltà għat-tul tal-ħajja addizzjonali	1,2 għall-inkwinanti gassużi		

*Tabella 1 - Tabella tal-multiplikaturi tad-durabbiltà mill-Euro 7*

Ir-Regolament Euro 7 diġà introduċa multiplikatur tad-durabbiltà ta' 1,2 għal-LDVs u għall-vetturi tal-kategorija M<sub>2</sub>. Dan ifisser effettivament li l-valuri ta' limitu għall-emissjonijiet gassużi jiżdiedu b'20 % meta vettura tilħaq it-tul tal-ħajja addizzjonali, skont id-distanza jew l-età. Għall-HDVs, il-multiplikaturi tad-durabbiltà għad iridu jiġu stabbiliti. Għal dan l-għan, fl-Artikolu 18(3) tal-Euro 7 hija stabbilita d-dispożizzjoni li ġejja: “Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport li jivvaluta l-prestazzjoni tad-durabbiltà tal-vetturi tqal fir-rigward tal-emissjonijiet.” Abbażi ta' dak ir-rapport, f'konformità mal-Artikolu 15(1)(f), il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tistabbilixxi l-multiplikaturi tad-durabbiltà fit-Tabella 2 tal-Anness IV.

Il-multiplikatur tad-durabbiltà jrid jiġi ddeterminat għal żewġ gruppi ta' HDVs, skont il-kategorija tal-vettura u l-massa massima tal-vettura. It-Tabella 2 tistabbilixxi t-tul tal-ħajja prinċipali u t-tul tal-ħajja addizzjonali għaż-żewġ gruppi ta' HDVs<sup>8</sup>.

<b>Tul tal-ħajja tal-vetturi</b>	<b>N<sub>2</sub>, N<sub>3</sub> ≤ 16 t, M<sub>3</sub> ≤ 7,5 t</b>	<b>N<sub>3</sub> &gt; 16 t, M<sub>3</sub> &gt; 7,5 t</b>
Tul tal-ħajja prinċipali	300 000 km jew 8 snin, skont liema jiġi l-ewwel	700 000 km jew 12-il sena, skont liema jiġi l-ewwel
Tul tal-ħajja addizzjonali	375 000 km jew 10 snin, skont liema jiġi l-ewwel	875 000 km jew 15-il sena, skont liema jiġi l-ewwel

*Tabella 2 - Tul tal-ħajja prinċipali u ħajja addizzjonali tal-vetturi mill-Euro 7*

<sup>7</sup> Mit-Tabella 2 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7).

<sup>8</sup> Mit-Tabella 1 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7).

### 3. Valutazzjoni tal-multiplikaturi tad-durabbiltà

#### 3.1. Bażi tad-data tal-vetturi

Peress li l-vetturi tqal Euro 7 għadhom ma humiex fit-toroq tal-Ewropa, valutazzjoni bbażata fuq id-data tat-testijiet minn dawn il-vetturi ma kinitx fattibbli. Għalhekk, il-valutazzjoni użat diversi sorsi rilevanti ta' data dwar l-emissjonijiet, abbażi tal-aħħar teknoloġija użata f'vetturi diżil Euro VI. Minħabba ż-żieda limitata fl-istrettezza tal-Euro 7 meta mqabbel mal-Euro VI, l-użu ta' data mill-aħħar vetturi Euro VI jitqies bħala l-aktar approċċ xieraq fit-terminu qasir. F'konformità mal-istabbiliment tal-fatturi ta' deterjorament tal-LDVs, valutazzjoni bbażata fuq l-emissjonijiet tad-diżil hija preżunta li hija valida wkoll għal disinji oħra tal-magni.

Id-data tat-testijiet użata nkisbet:

- mill-ittejtjar ta' bosta pari ta' vetturi tal-istess manifattur u mudell tal-vetturi, b' mill-anqas vettura waħda b'kilometraġġ baxx (<100 000 km) u waħda b'kilometraġġ għoli (qrib jew 'il fuq mill-kilometraġġ tat-tul tal-ħajja prinċipali). Il-biċċa l-kbira tal-pari ta' vetturi kellhom l-aħħar teknoloġija Euro VI abbord (il-passi D jew E);
- bażijiet tad-data li fihom data dwar l-emissjonijiet fit-triq mill-vetturi kollha u data dwar it-telerilevament mill-ittejtjar preċedenti;
- data tat-testijiet u stimi mill-manifatturi tat-trakkijiet;
- riżultati tas-sodda tat-test tal-magna miċ-ċikli tat-test regolatorji tal-Istati Uniti.

#### 3.2. Metodu

Il-valutazzjoni teknika użat metodi differenti sabiex jiġi kkalkolat id-deterjorament tal-prestazzjoni tas-sistema ta' tnaqqis tal-emissjonijiet. Għall-pari ta' vetturi ttestjati, l-emissjonijiet fi tmiem it-tul tal-ħajja prinċipali u fi tmiem it-tul tal-ħajja addizzjonali ġew stmati permezz ta' estrapolazzjoni. Sussegwentement, id-differenza fl-emissjonijiet tqabblet mal-limiti tal-emissjonijiet tal-Euro 7. Għal settijiet ta' data oħra, intużaw kemm l-estrapolazzjoni kif ukoll ir-rigressjoni lineari biex jiġi stmat id-deterjorament, skont it-tip ta' sett ta' data. Il-metodu ssepara r-riżultati għall-HDVs eħfef, bħat-trakkijiet ħfief u xarabanks li jintużaw fl-ibliet ( $N_2$ ,  $N_3 \leq 16$  t,  $M_3 \leq 7,5$  t) u għal HDVs itqal bħal trakkijiet tqal u kowċis ( $N_3 > 16$  t,  $M_3 > 7,5$  t). Dan għamel distinzjoni wkoll bejn komponenti differenti tal-emissjonijiet, jiġifieri  $NO_x$ ,  $NH_3$ ,  $N_2O$ ,  $CO$ ,  $HC$ ,  $CH_4$ ,  $NMOG$  u  $PN_{23}$ . L-outliers estremi f'termini ta' deterjorament osservat ma ġewx ikkunsidrati, peress li dawn il-valuri estremi nstabu f'vetturi bil-ħsara jew f'vetturi li ġew imbagħbsa.

### 3.3. **Riżultati tal-valutazzjoni teknika mwettqa mill-CLOVE**

#### 3.3.1. **Vetturi tqal eħfef**

Il-valuri tad-durabbiltà miksuba permezz tal-valutazzjoni għal vetturi tqal eħfef skont metodoloġiji differenti huma murija fit-Tabella 3. Skont id-data ppreżentata fit-tabella, valur ta' 1,2 ikun jirrappreżenta multiplikatur tipiku tad-durabbiltà għall-magni diżil. Din il-valutazzjoni hija bbażata l-aktar fuq il-kejl tat-teknoloġija f'vetturi bl-istandard tal-emissjonijiet Euro VI tal-passi D jew E, peress li, mil-lat teknoloġiku, dawn il-vetturi huma l-aktar komparabbli mal-vetturi Euro 7.

<b>Komp onent tal- emissj onijiet tal- egżost</b>	<b>TUG/ FVT<sup>9</sup></b>	<b>HBEF A<sup>10</sup> 4.2</b>	<b>HBEF A 5.1</b>	<b>Teleril evame nt</b>	<b>US27 (SwRI <sup>11</sup>) – valur tal-kejl + emissjo nijiet suppli mentar i</b>	<b>US27 (SwRI) – limitu taċ-ċiklu ta' test tranżito rju (WHTC, World Harmon iżed Transien t Cycle) tal-Euro 7<sup>12</sup> + emissjon ijiet supplim entari</b>	<b>OE M 1</b>	<b>OE M 2</b>	<b>Inseg wimen t tad- dhahe n</b>
NO <sub>x</sub>	1,17	1,26	1,18	1,07- 1,23	1,09	1,01	1,2- 1,3	1,20	1,17
NH <sub>3</sub>	1,09		1,29						
N <sub>2</sub> O	0,93		1,16		0,88	0,98			
CO	1,01	1,12	1,10	1,08	1,22	1,03			
HC			1,29		1,05	1,02			

<sup>9</sup> Università Teknika Graz (l-Awstrija) - Forschungsgesellschaft für Verbrennungskraftmaschinen und Thermodynamik (l-Assoċjazzjoni ta' Riċerka għall-Magnital-Kombustjoni Interna u għat-Termodinamika)

<sup>10</sup> Handbook Emission Factors for Road Transport

<sup>11</sup> Southwest Research Institute

<sup>12</sup> Ċiklu ta' Test Tranżitorju

CH <sub>4</sub>	1,00				1,19	1,00			
NMO G	1,10								
PN <sub>23</sub>	1,00	1,00	1,00						

*Tabella 3 - Riżultati għal HDVs eħfef ( $N_2, N_3 \leq 16 t, M_3 \leq 7,5 t$ )*

### 3.3.2. Vetturi tqal itqal

Ir-riżultati għal vetturi tqal itqal huma simili għal dawk għal HDVs eħfef u huma murija fit-Tabella 4. Hawnhekk ukoll, skont id-data ppreżentata fit-tabella, valur ta' 1,2 ikun jirrappreżenta multiplikatur tad-durabbiltà tipiku għall-magni diżil. Għal darb'oħra, il-valutazzjoni tiffoka l-aktar fuq il-vetturi bil-pass D jew E tal-istandard tal-emissjonijiet Euro VI, peress li, mil-lat teknoloġiku, dawn il-vetturi huma l-aktar komparabbli mal-vetturi Euro 7.

<b>Komp onent tal- emissj onijie t tal- egżost</b>	<b>TUG/ FVT</b>	<b>HBE FA 4.2</b>	<b>HBE FA 5.1</b>	<b>Teleri levam ent</b>	<b>US27 (SwR I) – valur tal- kejl + emissj onijie t suppli menta ri</b>	<b>US27 (SwR I) – limitu tad- WHT C tal- Euro 7 + emissj onijie t suppli menta ri</b>	<b>OEM 1</b>	<b>OEM 2</b>	<b>Inseg wime nt tad- dhahe n</b>
NO <sub>x</sub>	1,20	1,25	1,19	1,09- 1,30	1,09	1,01	1,16- 1,20	1,20	1,05
NH <sub>3</sub>	1,06		< 1						
N <sub>2</sub> O	0,99		< 1		0,88	0,98			
CO	1,00	1,08	1,09	1,06	1,22	1,03		1,02	
HC			1,26		1,05	1,02		1,01	
CH <sub>4</sub>	1,01				1,19	1,00			
NMO G	1,01								
PN <sub>23</sub>	1,01	1,00	1,00					1,01	

Tabella 4 - Riżultati għal HDVs itqal ( $N_3 > 16 t$ ,  $M_3 > 7,5 t$ )

#### **4. Konklużjonijiet**

Il-konklużjoni mill-valutazzjoni teknika bbażata fuq id-data disponibbli tal-Euro VI dwar id-deterjorament tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet, tipproponi multiplikatur tad-durabbiltà ta' 1,2 għall-vetturi Euro 7. Il-valutazzjoni tqis diversi komponenti tal-emissjonijiet tal-egżost għall-istabiliment tal-multiplikatur tad-durabbiltà. Għall-valutazzjonijiet jintużaw vetturi bil-pass D jew E tal-istandard tal-emissjonijiet Euro VI, peress li, mil-lat teknoloġiku, dawn il-vetturi huma l-aktar komparabbli mal-vetturi Euro 7. Multiplikatur tad-durabbiltà ta' 1,2 huwa konformi mal-multiplikatur tad-durabbiltà għall-vetturi ħfief u għax-xarabanks tal-kategorija M<sub>2</sub>.